



C/2023/1575

21.12.2023

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Diċembru 2023

dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari Isar-2 (KKI-2) fil-Bavarja t'Isfel, il-Ġermanja

(it-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(C/2023/1575)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt saret skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal xi valutazzjoni addizzjonali li għandha ssir skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li jirriżultaw minnu u mil-leġiżlazzjoni sekondarja ⁽¹⁾.

Fl-20 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern tal-Ġermanja, f'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, id-Data Ġenerali dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv ⁽²⁾ li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Isar-2.

Abbażi ta' din id-data u l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni fid-29 ta' Marzu 2023 u pprovdut mill-awtoritajiet Ġermaniżi fid-19 ta' Ġunju 2023 u fit-18 ta' Awwissu 2023, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza mis-sit sal-eqreb fruntiera ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l-Awstrija, hija ta' 65 km. Id-distanza tal-eqreb fruntiera mar-Repubblika Ċeka hija ta' 85 km.
2. Waqt operazzjonijiet ta' dekummissjonar u żarmar normali tal-impjant tal-enerġija nukleari Isar-2 (KKI-2), l-iskariki ta' effluwenti radjuattivi likwidi u gassużi x'aktarx ma jirriżultawx f'esponiment li jkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa għall-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-limiti tad-dożi stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza ⁽³⁾.
3. L-iskart solidu radjuattiv jinħażen temporanjament fuq is-sit qabel ma jintbagħat lill-faċilitajiet ta' trattament, tal-ħżin jew tar-rimi liċenzjati fil-Ġermanja. L-iskart solidu u l-fdalijiet materjali li jkunu konformi mal-livelli ta' approvazzjoni se jiġu rilaxxati mill-kontroll regolatorju għar-rimi bħala skart konvenzjonali, għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Dan se jsir f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza.
4. F'każ ta' rilaxxi mhux ipplanati ta' effluwenti radjuattivi li jistgħu jseħħu wara aċċidenti tat-tip u tad-daqs li tqiesu fid-Data Ġenerali, dawn ir-rilaxxi mhux mistennija jikkawunaw kontaminazzjoni radjuattiva tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor li tkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni jidhrilha li l-implimentazzjoni tal-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv fi kwalunkwe għamla, li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari Isar-2 (KKI-2), li jinsab fil-Bavarja t'Isfel, fil-Ġermanja, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll għad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

⁽¹⁾ Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali għandhom jiġu vvalutati f'aktar dettall. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE; għad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll għad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

⁽²⁾ Ir-rimi tal-iskart radjuattiv skont it-tifsira tal-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/635/Euratom tal-11 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 36).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1);

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni
